# Tribunal Industrijali

Kaz Numru 1822AD

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Jeffrey Spiteri

u

Meli Car Rentals Limited
dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hija ingiusta

Data: 2 ta' Gunju 2005

Chairperson: Av. Dr. Audrey Demicoli

**Introduzzjoni**

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal mill-appellant Jeffrey Spiteri permezz ta' Rikors prezentat fil-5 ta' Novembru 2003 fejn sostna li t-tkeccija tieghu mill-impjieg mas-socjeta' intimata ma saritx ghal raguni valida u skond il-ligi. Is-socjeta intimata min-naha l-ohra sostniet li t-tkeccija hija gustifikata u li l-impjieg tal-appellant gie terminat ghal ragunijiet dixxiplinari. It-Tribunal ha konjizzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Kaz tal-appellant u dik tas-socjeta' intimata, zamm ghaxar (10) seduti fejn sema' l-provi prodotti miz-zewg nahat. It-Tribunal ra n-noti ta' sottomissjonijiet finali prezentati miz-zewg partijiet.

**Fatti tal-Kaz**

L-appellant gie mpjegat bhala *mechanic* mas-socjeta intimata fl-1 ta Dicembru 1994 u l-impjieg tieghu gie tterminat fit-23 ta' Ottubru 2003 minhabba ncident lli nqala' f'dik il-gurnata. Hemm diskrepanzi sostanzjali bejn il-verzjonijiet moghtija miz-zewg nahat dwar dak li sehh fit-23 ta' Ottubru 2003. L-appellant issotni li f'dik il-gurrnata dahlet vettura ghat-tiswija fil-garaxx propjeta' tas-socjeta' intimata. Kien insteraq l-*istereo* minn din il-vettura li ghalhekk kellha l-*wires* kollha maqlughin.

L-appellant jghid li l-skrivan, certu Ivan Abela, qabbdu sabiex jaghmel ix-xoghol ta' *wiring* lli kien mehtieg li jsir fuq din il-vettura u sabiex jerga' jinstalla *stereo* gdid. L-appellant isostni li meta huwa mar sabiex jaghmel dan ix-xoghol fuq l-*istereo* induna li din il-bicca xoghol ma *kienitx* ta' idejh peress li l-vettura in kwistjoni kienet tal-ghamla Peugeot u din kellha sistema ta' *wiring* li l-appellant ma kienx midhla taghhom. Huwa ghalhekk jispjega li nforma b'dan il-fatt lil Salvu Meli li huwa wiehed mid-diretturi tas-socjeta' intimata u dan irrispondieh li kein kollox sew u li kien ser iqabbad lil haddiehor jaghmel il-bicca xoghol in kwstjoni. L-appellant jghid lli huwa kompla b'xogholu izda ftit wara gie direttur iehor, certu Natalino Meli, lli qallu li l-iskrivan kien infurmah li huwa kien irrifjuta li jaghmel ix-xoghol ta' *wiring* fuq il-Peugeot . Meta l-appellant irrisponda li dan ma kienx minnu qam battibekk bejn it-tnejn u wara gie wkoll Nazzareno Meli, direttur iehor u tkompliet id-diskussjoni. F'dak l-istadju d-diskussjoni svolgiet dwar jekk kienx minnu jew le li l-appellant kien tkellem hazin quddiem il-klijent. L-appellant jinnega li huwa tkellem hazin jew dagha quddiem il-klijent izda jispjega li Nazzareno Meli qallu sabiex imur id-dar u ma jirritornax lura qabel is-socjeta' intimata terga' tikkomunika mieghu. Ftit granet wara l-appellant jghid li huwa sar jaf li l-impjieg tiehgu kien gie terminat ghal ragunijiet dixxiplinari.

Is-socjeta' intimata min-naha l-ohra taghti verzjoni kemmxejn differenti dwar kif svolgew l-affarijiet fit-23 ta' Ottubru 2003. Gie spjegat li l-vettura li kellu jahdem fuqha l-appellant f'din id-data kient wahda li kienet *on leasing* lil direttur tal-Malta Freeport. Is-socjeta' intimata tispjega li hija kellha numru konsiderevoli ta' vetturi *on leasing* mal-Mata Freeport u ghalhekk hija kienet tikkunsidra lill-istess Malta Freeport bhala klijent importanti. Kien hemm bzonn li l-vettura in kwistjoni jinbidlilha *plug* tal-*istereo*, haga li skond is-socjeta' intimata l-appellant kien ghamel diversi drabi ghaliex huwa kien gie mharreg f'dan ix-xoghol. Meta gie mqabbad jaghmel ix-xoghol fuq l-imsemmija vettura minn Ivan Abela l-appellant accetta li jaghmel dan ix-xoghol izda ftit tal-hin wara l-appellant mar hdejn il-vettura u beda jghid kliem oxxenn, konsistenti anki f'dagha, u dan fid-direzzjoni ta' Ivan Abela, issostni s-socjeta' intimata. Dan kollu sar fil-presenza tad-Direttur tal-Malta Freeport, u cioe' l-klijent. L-appellant imbaghad irrifjuta li jaghmel ix-xoghol lilu assenjat. Ix-xoghol inghata lil haddiehor

u l-appellant gie mtilub jidhol fl-ufficcju sabiex jikkalma u meta Nazzareno Meli mar ikellem lill-appellant dan qallu li x-xoghol ma kienx ghamlu, ammetta lli kien qal kliem oxxen fil-presenza tal-klijent u dejjem skond is-socjeta' intimata huwa kompla jidghi fil-prezenza ta' Nazzareno Meli. L-appellent ma wera ebda rimors ghal dak li kien ghamel u ghalhekk is-socjeta' intimata tghid li hija tterminatlu l-impjieg.

**<u>Konsiderazzjonijiet u Konkluzjonijiet</u>**

Mill-esposizzjoni tal-fatti rigwardanti l-kaz odjern jirrizulta inekwivokabilment li l-impjieg tal-appellant gie tterminat minhabba l-incident li sehh fit-23 ta' Ottubru 2003. It-Tribunal ezamina bir-reqqa iz-zewg verzjonijiet pjuttost konfliggenti moghtija miz-zewg nahat dwar kif sehh l-incident u wasal ghall-konkluzjoni li l-verzjoni tal-fatti moghtija mis-socjeta' intimata hija aktar verosimilli u dan anki ghaliex din il-verzjoni giet korroborata mix-hieda ta' Francis Vella li kkonferma li l-appellanti qal lil Ivan Abela li huwa ma riedx jaghmel ix-xoghol fuq il-vettura in kwistjoni u beda jghajjat u jidghi u dan fil-presenza tal-klijent.

It-Tribunal jidhirlu li l-komportament tal-appellant f'din ic-ciorkostanza kien ghal kollox deplorabbli u s-socjeta' intimata kienet gustifikata li tiehu passi dixxiplinari fil-konfronti tieghu. It-Tribunal izda jidhirlu lli l-passi dixxiplinari addottati ma kienux adegwati fis-sens li kienu sproporzjonati. Kif diga' ntqal l-agir tal-appellant kien hazin ghaiex huwa wera disrispett kemm lejn is-superjuri tieghu kif ukoll indirettament lejn il-klijent izda meta wiehed jikkunsidra li l-appellant kien ilu impjegat mas-socjeta' intimata ghal disa' snin u li huwa qatt ma inghata *warnings* precedentement jidher li l-mizura dixxiplinari li giet addottata, u cioe' it-terminazzjoni tal-impjieg, kienet estrema wisq. Kien ikun aktar opportun li l-appellant jinghata *warning* jew inkella sospensjoni ghal ftit granet izda mhux li jigi tterminat l-impjieg tieghu. L-appellant ghamel hazin lli ssolleva kwistjoni lli jidher li kienet qed iddejqu, u cioe' il-fatt lli huwa kien qed jitqabbad jaghmel xoghol ta' elettriku meta huwa gie mpjegat bhala *mechanic*, quddiem klijent. Jekk deherlu li dan ix-xoghol ma kienx il-kompitu tieghu li jagmlu huwa kellu jissolleva din il-kwistjoni privatament mal-*employer* tieghu izda mhux quddiem il-klijent u mhux bl-ghajjat u d-

dagha. izda fil-fehma tat-Tribunal ir-reazzjoni tas-socjeta' intimata ghal dan l-agir kienet sproporzjonata u kien ikun aktar opportun li jigu addottati mizuri dixxiplinari anqas estremi fil-konfronti tal-sppellant.

## Decizjoni

Ghar-ragunijiet premessi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li l-impjieg tal-appellant mas-socjeta intimata ma giex terminat ghal raguni gjusta u sufficjenti skond il-ligi. Ic-cirkostanzi tal-kaz ma jimmeritawx li jkun hemm *re-instatement* u ghalhekk it-Tribunal qed jiffissa kumpens fl-ammont ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800.00), liema ammont ghandu jithallas mis-socjeta intimata lill-appellant sa zmien gimghatejn mill-llum.

Ghall-iskopijiet tal-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijet fl-ammont ta' Lm40.00 kull wiehed.

**Dr. Audrey Demicoli**
**Chairperson**